**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012
------------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KAX 23-2016**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 14 ta' April 2016, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Chairperson.*
Is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru.
Is-Sur Patrick Grima - Membru.
Is-Sur Saviour Xiberras - Membru.

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużata kien hemm is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson.*

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-7 ta' April 2016.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Il-Laqgħa tal-Lokalità 2016.
3. Attivitajiet Sajf 2016.
4. Xogħlijiet u proġetti fix-Xlendi.
5. Rapport tas-Sindku.
6. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
7. Mistoqsijiet mill-membri.
8. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KAX 22-2016.

## 2.00 Il-Laqgħa tal-Lokalità 2016.

2.01 Il-laqgħa tal-lokalità saret fis-26 ta’ Frar 2016. Il-Laqgħa tmexxiet mic-Chairperson Mark Busuttil u kien hemm preżenti: Chairmaine Vella, Saviour Xiberras, Damien Spiteri, Paul Curmi u Anthony Grech – Segretarju Ezekuttiv. Is-Sindku Carmen Said kienet skuzata minħabba li kienet qed tattendi l-laqgħa tar-Regjun. Kien hemm attendenza ta’ madwar tnax-il persuna. Dawn huma l-ilmenti:

- *Railing* ta’ Triq il-Kantra għadu ma tranġax.
- Hemm xi skart fi Triq il-Kavallieri u l-kennies ma huwiex jiknes kuljum.
- Il-*boatyard* hija mimlija u hemm bżonn li titnaddaf.
- Nuqqas ta’ aċċess għall-*garages* ’il ġewwa mill-Boathouse Restaurant u Ta’ Karolina Restaurant.
- Il-Fisheries Department għandhom bżonn jibdew jibagħtu *inspector* u li Ix-Xlendi jkun rikonoxxut bħala port tas-sajjieda.
- Inbiddlu l-frekwenza tal-ħinijiet tal-karozza tal-linja tar-rotta 306.
- Ilment dwar *sound* ta’ mużika minn Il Terrazzo Restaurant.
- Ħmieġ tal-klieb u hemm bżonn li jitwaħħlu *dog bins* madwar Ix-Xlendi.
- Hemm bżonn li jsir *patching* madwar it-toroq tax-Xlendi.
- Jitranġaw il-*gratings* tal-ħadid tal-*culverts* ta’ Triq San Xmun.

## 3.00 Attivitajiet Sajf 2016.

3.01 Il-Kumitat irċieva lista ta’ kunċerti li ser isiru fix-Xlendi mit-Taqsima tal-Kultura. Dawn ser isiru fis-6, 13 u 27 ta’ Awwissu 2016 u fl-24 ta’ Settembru 2016. Din is-sena r-raba’ edizzjoni tas-Ceramics Festival ser issir fis-6 ta’ Awwissu 2016.
Il-Kumitat irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li l-applikazzjoni għall-Iskema dwar Inizjattivi ta’ Attivitajiet Kulturali għall-2016, il-proposta ta’ Kalendarju ta’ Attivitajiet fix-Xlendi ġiet magħżula u ser ningħataw is-somma ta’ €1,000 għall-fjakkolati u €1,000 għar-*rock bands*. Issa jmiss li jintgħażlu *bands* sabiex l-attivitajiet ikunu varjati. L-attivitajiet iridu jsiru fi ġranet li ma jkunx hemm logħob tal-Euro 2016.

## 4.00 Xogħlijiet u proġetti fix-Xlendi.

4.01 Il-Kumitat għadu qed jistenna risposta mingħand il-UIF rigward il-ħlas tal-għamara li diġà twaħħlet fix-Xlendi u dwar il-proġett *Upgrading and Rehabilitation of a Path at Ix-Xlendi Bay*. Ser issir laqgħa mal-bord tal-UIF fil-25 ta’ April 2016. Il-Kumitat ma jistax jibda x-xogħol tal-passaġġ qabel ma’ jiġi ffirmat il-kuntratt mal-UIF.

## 5.00 Rapport tas-Sindku.

5.01 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-Inġinier tal-Water Services Corporation u ż-żewġ kuntratturi li ser jaħdmu fuq il-bdil ta’ *main* tal-ilma fi Triq Ras il-Bajjada. It-triq ingħalqet mill-4 ta’ April 2016 għal ħames ġimgħat. Ġie miftiehem fejn ser jitwaħħlu tabelli ta’ *diversion*.

5.02 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma’ Rappreżentant ta’ Wirt Għawdex u l-Perit Hermann Bonnici mill-International Institute for Baroque Studies fl-Università ta’ Malta rigward ir-restawr tat-Torri tax-Xlendi. Il-perit se jieħu ħsieb li japplika mal-Awtorità tal-Ippjanar. Il-Kumitat ser iħallas il-*planning fee* ta’ €50.

5.03 Is-Sindku ltaqgħet mal-Inġinier Jeffrey Muscat rigward problemi tad-dwal fix-Xlendi u se jagħmel l-almu tiegħu biex dak li hemm bżonn li jitranġa jsir qabel jibda l-istaġun tas-sajf.

5.04 Is-Sindku attendiet għal-laqgħa ta' kull xahar li ssir mal-Pulizija. Hija semmiet il-problema tal-*boatyard* tax-Xlendi u l-ħtieġa li ssir laqgħa bejn il-Pulizija, il-Perit Mariella Xuereb mill-Ministeru għal Għawdex, il-Fisheries Department u Transport Malta.

Il-ħin kien is-7 ta' filgħaxija u f'dan l-istadju s-Sinjura Joselle Camilleri talbet li tkun skużata u ħarġet mil-laqgħa għax kellha impenji oħra.

5.05 Is-Sindku infurmat lill-Kumitat li sar *patching* tat-triqat tax-Xlendi, l-aktar fi Triq il-Kantra. Sid il-proprjetà li tmiss mal-*Parking* tax-Xlendi għadu kemm bena l-ħajt tal-qasma ta' bejn il-*parking* u l-wied. Dan il-ħajt kien tkaxkar bil-maltemp xi snin ilu. Hemm il-ħsieb li ssir attività bid-dgħajjes tar-*remote control* u anke jsuquhom fuq il-baħar. Il-bankina ta' Triq il-Puniċi tlestiet u issa bdiet il-bankina tat-telgħa ta' bejn Triq il-Kantra u Triq it-Torri. Il-Ministeru għal Għawdex intalab jagħmel mera fi Triq ir-Rabat fejn tisbokka Triq il-Kappar għal Triq ir-Rabat.

**6.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

6.01 Il-Kumitat irċieva lment mingħand resident fi Triq il-Kantra dwar abbużi li qed isiru f'*area* privata fit-tarf ta' Triq il-Kantra. Il-Kumitat se jagħmel tabelli.

6.02 Fuq talba tal-UIF, rigward il-proġett *Upgrading and Rehabilitation of a Path at Ix-Xlendi Bay,* il-Perit William Lewis bagħat informazzjoni teknika dwar il-passaġġ.

6.03 Il-Kumitat irċieva talba sabiex l-is*lipway* tiddawwal aktar. Soluzzjoni urġenti kienet billi twaħħlet lampa aktar qawwija fl-ewwel fanal tal-moll.

6.04 Il-Kumitat irċieva talba mingħand sid tal-istabbilimenti tal-ikel London Lounge Steakhouse u I Love London sabiex ipoġġi mwejjed u ssir tinda quddiem l-istabbilimenti tiegħu. Il-Kumitat ma jsib l-ebda oġġezzjoni sakemm jimxi mal-kundizzjonijiet li s-soltu jagħmel il-Kumitat.

6.05 Il-Kumitat irċieva lment li fl-is*lipway* qed ikun hemm żgombru u qed tkun diffiċli biex ivaraw l-opri tal-baħar.

6.06 Il-Kumitat irċieva lment dwar bdil tar-rotta 306 minn Victoria għax-Xlendi li tgħaddi mill-Munxar. Ser tiġi kkonsultata Transport Malta dwar dan.

6.07 Il-Kumitat irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn ġejna infurmati li l-Bord tal-Evalwazzjoni aċċetta l-applikazzjoni tal-Iskema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali għall-2016 u ser jagħti s-somma ta' €1,000 għar-*rock bands* u €1,000 għall-fjakkolati.

6.08 Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand l-Ispettur Bernard Charles Spiteri dwar karozza abbandunata fi Triq il-Kappar. Huwa qed jitlob lill-Kunsill sabiex jibda l-proċeduri sabiex il-vettura titneħħa u tiġi skrepjata.

6.09 Il-Kumitat irċieva *e-mail* rigward Memo 30/2015 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali għall-2016 fejn ġejna infurmati li l-proposta ta' Ix-Xlendi Spring Festival ma ġietx milqugħa.

6.10 Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Event Design fejn qed jitolbu l-permess sabiex issir ċerimonja taż-żwieġ fuq is-salini viċin it-Torri tax-Xlendi. Il-Kumitat ma aċċettax.

6.11 Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand residenta fix-Xlendi fejn ilmentat li peress li Triq Ras il-Bajjada hija magħluqa għal ħames ġimgħat, il-karozza tal-linja ma hijiex tgħaddi u b'hekk ma tistax toħroġ mid-dar. Il-Kumitat ftiehem mal-Water Services Corporation biex jipprovdilha trasport privat darbtejn fil-ġimgħa għar-Rabat.

6.12 Il-Kumitat irċieva talba sabiex isir *reserved parking* quddiem ħanut li jbigħ biljetti tal-Lottu fi Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi. Ma kienx hemm qbil dwar dan.

6.13 Il-Kumitat irċieva lment dwar il-*barrier* li hemm fil-bokka ta' sit ta' kostruzzjoni fi Triq San Xmun. Iċ-*Chairperson* se jkellem lill-iżviluppaturi dwar dan.

**7.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

7.01 Is-Sur Patrick Grima fakkar lill-Kumitat li qabel jibda l-istaġun tas-sajf, ikun sew li xi problemi dwar id-dawl jiġu indirizzati.

7.02 Iċ-*Chairperson* irrimarka li l-lampa ta' Triq il-Kantra għadha qed tkun ta' inkonvenjent lir-residenti. Huwa ser jieħu ritratt sabiex nibagħtuh lill-inġinier.

**8.00 Materji oħra.**

8.01 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.10 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 26 ta' Mejju 2016, fl-4.00 ta' filgħaxija.

**Mark Busuttil**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***